# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU
## Frar 2014

**Is-Sitt Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**

Marka Totali

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ___________**

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek u l-isem tal-klassi.
- Taqlibx il-paġna qabel jgħidulek li tista' tibda.
- Aqra sewwa kulma hemm miktub u segwi tajjeb l-istruzzjonijiet.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.





**A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| żrar | blat | nibnu | bbies | qiegħ |
| kuluri | ramel | fossili | toqol | Żonqor |

Il-____________ ta' Malta ngħidulu sedimentarju għax magħmul mill-frak, ____________, cagħaq, ħama u tajn li kien jinġarr max-xmajjar. F'Malta nsibu ħames tipi ta' blat. Fil-blat tagħna nsibu ħafna ____________ta' rizzi, bebbux u arzell għax kienu jgħixu fuq dan is-sediment. Maż-żmien dan il-materjal għaqad u ____________ għax baqa' jippressa 'l isfel bit-____________ tiegħu stess. Dan il-proċess ta' bidla beda jseħħ f' ____________ il-baħar madwar 25 miljun sena ilu. Meta nħarsu mill-ġenb lejn l-irdum nistgħu naraw is-saffi tal-blat fuq xulxin bi ħxuna u ____________ differenti. Il-ġebla li ____________ biha hi dik tal-Franka. Il-Qawwi t' Isfel huwa l-aktar blat iebes u minnu nieħdu ____________ u ramel. Dan it-tip ta' blat insejħulu wkoll ____________.



**B. Għaqqad is-sentenzi. L-ewwel waħda lesta.** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Filfla nistgħu narawha mill-irdum ta' Ħad Dingli | | ikħal u nadif tinsab fil-gżira ta' Kemmuna. |
| 2 | Bejn il-gżejjer ta' Malta u Għawdex | | insibu l-gżira ċkejkna ta' Kemmuna. |
| 3 | Il-Bajja ta' *Blue Lagoon* li hi magħrufa għall-baħar | 1 | u miż-Żurrieq. |
| 4 | Il-Gżejjer ta' San Pawl jinsabu qrib | | il-Gżira ta' Manoel. |
| 5 | Fil-Port ta' Marsamxett insibu | | il-bajja tal-Mistra fejn skont it-tradizzjoni inkalja l-ġifen. |
| 6 | L-għerq sinjur kien jikber fuq il-Ġebla tal-Ġeneral li | | b'ambjent naturali u aktar nadif. |
| 7 | Fl-istaġun tas-sajf Kemmuna toffri bajjiet differenti | | hi gżira żgħira fid-Dwejra Għawdex. |
| 8 | Il-bliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex huma | | hi li jgħaqqad iż-żewġ gżejjer flimkien. |
| 9 | Marsaxlokk illum jiġbed ħafna turisti għax hemm jiltaqgħu | | differenti minn xulxin u jaqdu funzjonijiet differenti. |
| 10 | Il-funzjoni ewlenija tal-port tal-Imġarr f'Għawdex | | hi mibnija fuq għolja u hemm iċ-Ċitadella u l-Katidral. |
| 11 | Victoria l-Belt ewlenija t'Għawdex | | mas-sajjieda bid-dgħajjes tas-sajd tipiċi Maltin. |



**Ċ. Daħħal il-kliem mogħti biex tkompli kull sentenza. L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Marsalforn | Imdina | Parlament | ***Valletta*** | ufficini | Birgu |

Il-Belt Kapitali ta' Malta jisimha Valletta u giet mibnija mill-Kavallieri ta' San Gwann. F'din il-belt jiltaqa' l-________________. Barra minn ħafna ħwienet, kafetteriji u ristoranti insibu wkoll ħafna ________________.

Fit-tarf tal-belt storika tal-________________ nsibu l-Forti Sant' Anġlu.

Il-Maltin li jħobbu jikru xi appartament għas-sajf f'Għawdex jagħżlu r-raħal ta' ________________ li għandu wkoll bajja ramlija.

Ħdejn il-belt qadima tal-________________ kiber ir-raħal tar-Rabat li hu famuż għas-siti storiċi bħad-Dar Rumana u l-Katakombi.

**D. Imla l-vojt. L-ewwel waħda lesta.** (10 marki)

1. Malta hija gżira f'nofs il-baħar M***editerran***.
2. Fuq in-naħa ta' fuq ta' Malta nsibu l-kontinent E_____________.
3. Il-Marokk, l-Alġerija, il-Libja u l-Eġittu huma kollha pajjiżi tal-kontinent A_____________.
4. Il-L_____________, l-I_____________ u s-S_____________ jagħmlu parti mill-kontinent tal-Asja.
5. Il-gżejjer B____________ huma tliet gżejjer famużi ta' Spanja.
6. L-I_____________ għandha żewġ gżejjer kbar li huma Sqallija u Sardinja.
7. K_____________ hi gżira 'l fuq minn Sardinja li tagħmel parti minn Franza.
8. Barra ħafna gżejjer żgħar il-G_____________ għandha l-gżira kbira ta' Kreta.
9. Bħal Malta, Ċ_____________ hi gżira indipendenti qrib il-Greċja, iżda hi ferm akbar mill-gżejjer tagħna.

**E. Ħares sew lejn il-mappa u aqra d-dettalji biex tikteb l-isem tal-pajjiż. L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)



| | | |
|---|---|---|
| 1 | Pajjiż li għandu forma ta' żarbuna u belt famuża li qed tegħreq. | ***l-Italja*** |
| 2 | Pajjiż li għandu ħafna ramel. Fil-qedem bnew il-piramidi u ħafna tempji u palazzi kbar. | ____________ |
| 3 | Pajjiż Afrikan fil-Punent ta' Malta. Jinsab bejn il-Libja u l-Alġerija. | ____________ |
| 4 | Pajjiż li għandu parti kbira minnu fl-Asja, kien imperu kbir. Riedu jirbħu lil Malta. | ____________ |
| 5 | Il-bandiera ta' dan il-pajjiż hi blu, bajda u ħamra. Famuż għat-Torri Eiffel. | ____________ |
| 6 | Parti mill-pajjiż tmiss mal-Portugal. Iħobbu l-futbol u jiżfnu mad-daqq tal-kitarra. | ____________ |

**F. Ħares sew lejn il-mappa biex timla l-vojt.** (8 marki)




1. Sinjur kbir telaq biex jagħmel vjaġġ bil-jott tiegħu. Ried jidħol fil-baħar Mediterran għalhekk għadda minn fetħa A li turi d-D***ardanelli***.
2. Il-passaġġ immarkat bl-ittra **B** qiegħed bejn il-Marokk u S___________.
3. *Cruise Liner* ried iżur xi portijiet fil-Portugal, telaq minn Malta u daħal fl-Oċean A____________ minn fetħa **B** li qed turi l-F___________ ta' Ġ____________.



4. Vapur tal-merkanzija telaq mill-Italja biex imur l-Indja għalhekk għadda minn fetħa **Ċ** li qed turi l-K____________ ta' S____________ u minn hemm jasal fil-Baħar l-A____________.
5. Vapur tal-merkanzija telaq minn Malta lejn il-Lvant u għadda minn fetħa **A** biex jasal fil-Baħar L-I____________.

**Aqta' sing taħt it-tajba.**

6. Vapur mgħobbi biż-żejt telaq mil-Libja biex imur l-Ingilterra. Biex jasal hemm irid jgħaddi minn fetħa (A, B, Ċ).
7. Vapur tal-passiġġieri ħabat f' fetħa (A, B, Ċ) li taqsam lit-Turkija fi tnejn.

**Ġ. Wieġeb kif mitlub.** (7 marki)

1. Semmi differenza WAĦDA ta' kif ix-xogħol tal-bidwi inbidel mill-imgħoddi għal-lum.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

2. Agħti raġuni WAĦDA għala taħseb li l-ħitan tas-sejjieħ qed jaqgħu.

______________________________________________________________(1)

3. Semmi ŻEWĠ affarijiet li tara fil-kampanja Maltija u ma tarahomx fl-ibliet.

____________________ ____________________ (2)

4. Semmi ŻEWĠ affarijiet li tara fl-ibliet u ma tarahomx fil-kampanja Maltija.

____________________ ____________________ (2)

**G. Agħżel it-tajba.** (5 marki)

1. Il-ħitan tas-sejjieħ huma mibnija b' ġebel (kwadru, żgħar imkaħħlin, ta' qisien differenti).
2. Il-ħajt tas-sejjieħ jinbena (bħala lqugħ kontra r-riħ, biex jipprovdi d-dell, biex nistaħbew warajh).
3. Qalb il-ġebel tal-ħitan tas-sejjieħ insibu jgħixu għadd kbir ta' ħlejjaq fosthom (wirdien, lifgħat, dubbien).
4. (Il-Birgu, l-Imġarr, Birkirkara) hu raħal fil-kampanja fejn ix-xogħol prinċipali tiegħu hu dak tar-raba'.
5. Il-ġebel tas-sejjieħ jintuża wkoll biex nibnu (djar, giren, rziezet).



**Għ. Wieġeb il-mistoqsijiet dwar l-ambjent fiżiku tal-Gżejjer Maltin.**

(10 marki)

1. X'ġaralhom mal-medda tas-snin is-saffi tal-blat f'xi partijiet tal-Ġżejjer Maltin li huma aktar baxxi minn oħrajn?

___

2. a) X'insejħulhom il-kanali kbar bejn l-għoljiet li ġew iffurmati miljuni ta' snin ilu biċ-ċaqliq tal-art u bis-saħħa tal-ilmijiet?

___

b) Semmi xi wieħed minn dawn il-kanali kbar f'Malta li fix-xitwa jimtela bl-ilma tax-xita?

___

3. X'insejħulhom dawk id-daħliet mal-kosta li mtlew bir-ramel u jintużaw għall-għawm fl-istaġun tas-sajf?



___

4. Għal xiex jintużaw ċertu daħliet li jkunu kennija mill-maltemp?

___

5. X'inhu l-isem tal-pjanta nazzjonali li tikber fl-irdumijiet ta' Malta u Għawdex?

___

6. Kif nafuhom l-irdumijiet ta' Malta li jinsabu qrib ta' raħal ħdejn il-Buskett?

___

7. Agħti eżempju ta xi raħal jew belt li nbena fuq għolja ċatta u wiesgħa?

___

8. Taf issemmi għar f'Malta jew f'Għawdex li fforma mal-medda taż-żmien bil-qawwa tal-ilma tax-xita?



___

9. Meta l-ilma jibda jqattar minn mas-soqfa tal-għerien jifforma qishom kolonni. X'ngħidulhom dawk li jkunu qishom imwaħħlin mas-saqaf tal-għar?

___

**H. Ikteb hux VERU jew FALZ.** (10 marki)

1. Min jitwieled Malta jkun ċittadin Malti. ____________
2. L-aktar mod popolari kif nikkomunikaw hija l-lingwa. ____________
3. L-irġiel biss jistgħu jivvutaw fl-elezzjoni ġenerali. ____________
4. L-elezzjoni ġenerali issir kull ħames snin. ____________
5. Kull ċittadin minn 16-il sena 'l fuq jista' jivvota fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali u f'dik għall-Gvern. ____________
6. Il-President għandu l-uffiċċju tiegħu fil-Berġa ta' Kastilja. ____________
7. L-i*speaker* imexxi l-laqgħat tal-Parlament. ____________
8. Il-knisja wkoll tipprova twassal il-messaġġi tagħha b' mezzi differenti fosthom il-gazzetta *Leħen is-Sewwa.* ____________
9. Kostituzzjoni hi ġabra ta' liġijiet li fuqha jitmexxa pajjiż. ____________
10. Il-Parlament iffurmat biss mill-partit li jirbaħ l-elezzjoni. ____________





**Ħ. Imla l-vojt.** (10 marki)

L-ewwel nies f' Malta ġew minn ________________. Huma ġew fuq xi ________________. Ma nafux b' liema ________________ kienu jitkellmu. Huma ma kinux jafu ________________ u għalhekk żmienhom insejħulu "Żmien il-Pre-Istorja". L-għodda ta' dawn in-nies kienet magħmula mill-________________, u għalhekk insejħulhom nies ta' Żmien ________________. X' ħin waslu Malta huma marru joqogħdu ġo ________________. Huma ma baqgħux joqogħdu hemm għal dejjem iżda bnew ukoll xi postijiet. Ġewwa ż-________________ insibu fdalijiet ta' dawn l-ewwel postijiet tagħhom li nsejħulhom ________________. Hawnhekk instab fuħħar ta' lewn griż u ta' lewn ________________.



**I. Ikteb madwar ħames sentenzi fuq waħda minn dawn:**

**(a) L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni**

**(b) In-nies ta Żmien il-Bronż**

**(c) Għar Dalam** (10 marki)

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**Tmiem il-Karta**